**KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR**

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

# MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Għargħur

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 10

Data tal-laqgħa: 10 ta' Jannar, 2025

*Il-Kunsill Lokali Ħal Għargħur ltaqa' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Jannar 2025 fil-5.30p.m.*

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Sindku | Helen Gauci |
| Viċi Sindku | Francesca Attard |
| Kunsillieri | Mariah Meli<br>Christopher Fenech<br>Marilena Hassan |
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Jeanette Galea |

Il-laqgħa bdiet fil-5:30p.m. billi ntqalet it-talba.

**10/01 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**10/01/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li dan il-Kunsill ma kien irċieva l-ebda ittra t'apoloġija u kif kulħadd kien preżenti għal din il-laqgħa.

**10/02 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

**10/02/01** Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti. Fuq proposta tas-Sa Helen Gauci, sekondata mas-Sa Mariah Meli, kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-minuti numru 8 u 9.

**10/02/02** Id-DSE infurmat kif hi kienet bagħtet emejl b'aġġornament ta' kull *item* li kien hemm pendenti mill-aħħar laqgħa u talbet lill-Kunsilliera jressqu d-domandi tagħhom jekk kien hemm bżonn xi kjarifika jew aktar informazzjoni.

**10/02/03** Is-Sa Mariah Meli xtaqet tagħmel referenza għal-korrispondenza li kienet ressqet permezz ta' emejl fejn infurmat li x-xogħol ta' fuq ix-Xwieki kienu qedin isir. Żiedet tgħid ukoll li Sqaq Charlotte għaddeja mill-proċess intern wkoll, il-parkeġġ ta' Vjal ir-Rebublika sabiex il-Kunsill jg ħamel mezz li jsir bil-qies legali, u biex il-Kunsill jinforma meta ser isiru d-*doggy bins*. U rigward il-BCRS biex il-Kunsill joħroġ stqarrija dwar fejn wasal il-proċess peress li ħafna residenti kienu qed jistaqsu fuqha.

**10/02/04** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera sabiex tinħareġ stqarrija dwar il-proċess tal-magna tal-BCRS fuq il-paġna uffiċċjali tal-Kunsill.

**10/02/05** Id-DSE staqsiet jekk kienx hemm xi domandi oħra mill-Kunsilliera preżenti.

**10/02/06** Peress li ma kien hemm l-ebda mistoqsija oħra, id-DSE mxiet għall-item li kien imiss fuq l-aġenda.

**10/03** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**10/03/01** Is-Sindku, is-Sa Helen Gauci, infurmat lill-Kunsilliera dwar il-problema li l-uffiċċju amministrattiv qed isib ta' kuljum meta kuntrattur jiġi biex jgħamel xogħol fir-raħal u jkun hemm bżonn li tiġi magħluqa xi Triq jew iddevjat it-traffiku minħabba x-xogħol u għalhekk ikun hemm bżonn ta' uffiċċjal. Għalkemm hi taqbel li għandu jkun hemm dawn l-uffiċċjala, il-problema qedha li meta ssir talba mill-Kunsill, uffiċċjali minn Transport Malta jew mill-LESA mhux qed ikun hemm disponibbli avolja t-talba qed issir minn ħafna żmien qabel. L-uffiċċjal qed jingħata xahar u nofs minn meta tkun saret it-talba mill-kuntrattur.

**10/03/02** Is-Sa Gauci żiedet tgħid li dawn ma jistgħux jitolbu servizz minn kumpaniji tas-sigurtà peress li dan it-tip ta' xogħol irid isir bilfors mill-uffiċċjali tal-LESA jew minn TM.

**10/03/03** Is-Sa Meli qalet kif is-sigurtà tat-Triq hija ferm importanti u l-Kunsilliera mhumiex 'il fuq mill-liġi u dawn għandhom jimxu mal-proċeduri kif inhu mitlub.

**10/03/04** Is-Sa Francesca Attard qablet ma dak li qalet is-Sa Meli.

**10/03/05** Is-Sur Fenech talab jekk kienx hemm xi suġġeriment ieħor li jistà jsir.

**10/03/06** Is-Sindku spjegat li l-awtoritajiet ikkonċernati għandhom ikunu nfurmata dwar dan biex naraw x'jistà jsir.

**10/03/07** Is-Sa Meli insistiet li għalkemm tifhem li hemm problema mal-kuntratturi kkonċernati, pero l-Kunsill għandu xorta jibqà miexi skond il-liġi fejn ikun hemm meħtieġ uffiċja. Il-permess għandu dejjem jinħareġ konformi mal-liġi.

**10/03/08** Bħala maġġoranza ta' Kunsilliera, kien hemm qbil li bħala pożizzjoni tal-Kunsill Lokali ser tibqà dik li meta jintalab permess mingħand il-Kunsill b'uffiċċjali, dan il-permess ma jistax jinħareġ sakemm ma jkunx hemm uffiċjal allokat mal-permess. Sadanittant il-Kunsill qabel li għandu javviċina liż-żewġ awtoritajiet ikkonċernati sabiex din il-problema tiġi indirizzata.

**10/04** **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**10/04/01** Is-Sa Attard infurmat lill-Kunsilliera preżenti dwar l-aħħar laqgħa li nżammet mis-sottokumitat tal-kultura fejn qed tiġi organiżżata *coffee morning* għall-anzjani nhar it-Tlieta 14 ta' Jannar 2025 u ser ikun qed jinżamm fis-sala tal-Każin tal-Banda.

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**

**10/04/02** Is-Sa Attard żiedet tgħid ukoll kif qed isiru preparamenti neċessarji sabiex tinżamm ħarġa kulturali fi Frar li ġej sal-Birgu. Spjegajt ukoll kif qed titkellem ma' Heritage Malta sabiex ikun hemm anke żjara sal-Malta Maritime Museum.

**10/04/03** Peress li ma kienx hemm aktar punti x'jiġu mressqa mis-Sa Attard, is-Sindku talbet lis-Sa Hassan sabiex tressaq id-domandi tagħha.

**10/04/04** Is-Sa Hassan ressqet suġġeriment mingħand residenta fejn fi Triq il-Ġnien ma hemmx biżżejjed dawl. L-aħħar bozza qedha biss ħdejn il-lights. Għal din ir-raġuni, ir-residenti qed jitolbu sabiex ikun hemm aktar bozzoz biex ma jibqax fi dlam ċappa.

**10/04/05** Is-Sa Attard staqsiet kif kien baqa l-Kunsill fuq il-bozzoz li jaħdmu bl-enerġija solari.

**10/04/06** Is-Sindku spjegat kif il-kuntrattur tad-dawl kien ipprova jgħamel bozza bl-enerġija solari fi Triq Fidel Zarb, pero ma kinitx qed taħdem tajjeb peress li kienet qed taqta ta' spiss.

**10/04/07** Is-Sa Meli qalet kif wieħed irid jieħu f'kunsiderazzjoni fejn in il-bozza ser tkun biex tara jekk ikunx hemm biżżejjed xemx u biex naraw mal-kuntrattur tad-dawl jekk ikunx hemm xi ħlas aħjar jekk il-Kunsill jordna kwantità.

**10/04/08** Uħud mill-Kunsilliera irrimarkaw li fejn kienet qed tissuġġerixxi s-Sa Hassan, wieħed irid jara wkoll jekk hix ODZ.

**10/04/09** Is-Sa Hassan ma kellha l-ebda domanda jew rimarka oħra, u għal din ir-raġuni s-Sindku talbet lis-Sa Meli tressaq id-domandi tagħha.

**10/04/10** Is-Sa Meli irrimarkat fuq l-inħawi tax-Xwieki fejn riċentament kienu saru xi xogħolijiet minn entità u t-Triq tħalliet bil-konkos u ma reġax ingħata bit-tarmak.

**10/04/11** Is-Sa Meli spjegat ukoll kif kellha talba sabiex fl-istess żona, hemm roundabout ċatta, biex din titalab sabiex titneħħa.

**10/04/12** Is-Sindku u s-Sur Fenech infurmawa li din it-talba hija li kienet ġiet imressqa. Id-DSE ġiet mitluba sabiex tressaq din it-talba għal darboħra lil Transport Malta.

**10/04/13** Is-Sindku żiedet tgħid kif il-Kunsill kien bagħat komunikazzjoni lil Transport Malta fuq il-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Gio Batta peress li l-ħajt li sar mhux ħitan tas-sejjieħ u ma ġiex sabieħ estetikament.

10/04/14 Is-Sa Meli ressqet ukoll talba mir-residenti sabiex il-*bus shelter* tax-Xwieki, fi Triq il-Balal, qed ikun intużat ħafna mir-residenti ta' Ħal Għargħur, peress li din taqà bħala Triq arterjali, sabiex issir talba lil Assoċċjazzjoni tal-Kunsill Lokali sabiex issir *bus shelter* ġdid.

10/04/15 is-Sa Meli fakkret sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill jmorru jnaddfu l-*culverts* ta' l-ilma.

KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**10/04/16** Is-Sindku infurmat li dawn diġa qed isiru mill-ħaddiema u ser tkun qed tinfurmhom biex dawn ikomplu jnaddfu l-kumplament.

**10/04/17** Is-Sa Meli infurmat li hi għaddeja f'komunikazzjoni mal-Water Services Corporation fi Triq San Gwann fejn għadha qed tiġi diskussa internament. Id-DSE infurmat li hi kienet ukoll bagħtet komunikazzjoni dwar dan.

**10/04/18** Is-Sa Meli infurmat li l-avveniment ta' Pjazza Familja li ser tkun qed tinżamm nhar il-Ħadd 26 ta' Jannar 2025 fejn ser tkun qed tinżamm *clean up* wara nofsinhar kif ukoll logħba tal-futbal mas-*seniors*.

**10/04/19** Is-Sa Meli kienet ser tagħmel referenza dwar Għaxqet l-Għajn. Id-DSE infurmat lill-Kunsilliera kif iż-żewġ offerti li kienu ġew imressqa għal din is-sejħa kienu ġew mgħoddija lil Perit tal-Kunsill u kif kienet qed tistenna r-rimarki tiegħu. Hi żiedet tgħid ukoll kif il-Kunsill irid jipproponi membru ieħor fuq il-bord ta' l-evalwazzjoni peress li l-perit mhux ser ikun wieħed mill-evalwaturi. Kien hemm qbil sabiex it-tielet evalwatur tkun is-Sa Hassan.

**10/04/20** Is-Sa Meli staqsiet dwar jekk kienx hemm komunikazzjoni mal-MITA dwar il-*backend* tal-website tal-Għargħur.

**10/04/21** Id-DSE spjegat kif il-persun inkarigat mill-IMU kien għadu kif daħal lura minn xahar leave u kien għadu qed idur l-affarijiet pendenti li kellu. Hi spjegat li ser tkun qed titkellem miegħu biex tifhem eżatt xi jrid isir.

**10/04/22** Is-Sa Meli infurmat ukoll kif fil-ġranet li ġejjin hi kienet ser terġa tagħmel kuntatt mal-Perit ta' TM u mal-Kap ta' l-iskola dwar l-inizjattiva tal-mobilità.

**10/04/23** Is-Sa Meli tkelmet ukoll dwar il-bankina fi Triq Ferdinand Grech fejn din kienet qed taffetwa l-ilma mix-xita fix-Shelter. Hi qalet kif resident f'din it-Triq kien talab sabiex isir bankina dejqa man-naħa tiegħu. Għal din ir-raġuni ser tkun qed titressaq talba dwar dan.

**10/04/24** Is-Sindku irringrazzjat lis-Sa Meli tal-punti li ġew imressqa u talbet lis-Sur Fenech sabiex iressaq id-domandi tiegħu.

**10/04/25** Is-Sur Fenech għamel referenza għal Triq San Ġwann, fejn l-*isleeping policemen* kienet tneħħiet pero t-tabelli li turi li ġejja *sleeping police* kienet baqgħet hemm. Hu talab sabiex din it-tabella titneħħa.

**10/04/26** Is-Sur Fenech fakkar sabiex il-ħaddiema tal-Kunsill ma jinsewx isaqqu l-pjanti ta' ħdejn il-Knisja u tal-pjazza. Jekk dan mhux ser jissaqqu regolarment, dawn ser imutu. Is-Sindku infurmata li qaltilhom diversi drabi.

**10/04/27** Ids-Sur Fenech żied jgħid ukoll li jrid isir qtugħ ta' ħaxix fl-isqaqien u anke fir-*roundabout*.

**10/04/28** is-Sa Meli fakkret dwar dawk id-djar li għandhom bżonn jieħdu ħsieb jaqtaw il-ħaxix li qed joħroġ għal fuq il-bankini.

Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162
Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626
Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt

**10/04/29** Is-Sindku qalet li dan ix-xogħol ta' djar privati mhux ser isir mill-Kunsill u jekk hemm bżonn isir tentattiv mill-Pulizija tal-Komunità sabiex is-sidien jieħdu ħsieb li din iż-żabra issir.

**10/05** **Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

**10/05/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera dwar komunikazzjoni li kienet waslet mill-Kunsill Reġjonali Lvant dwar donazzjoni ta' siġar li kienu qed jingħataw mill-NGO, Coast is Clear.

**10/05/02** Is-Sur Fenech u s-Sa Gauci irrimarkaw kif il-problema b'dawn is-siġar qed tkun il-manutenzjoni tagħhom u għal din ir-raġuni kien hemm qbil sabiex ma jieħdux dawn is-siġar.

**10/05/03** Id-DSE fakkret lill-Kunsilliera dwar SPI/SCI/1/2025 – Korsijiet tal-Life Long Learning, li kienet anke intbagħtet permezz ta' emejl lill-Kunsilliera għall-attenzjoni tagħhom. Hi spjegat li jekk dan il-Kunsill huwa interessat li jżomm kors, l-applikazzjoni trid tiġi mressqa sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2025. Id-DSE fakkret kif is-Sa Meli kienet irrispondiet lura u qalet li l-Kunsill għandu japplika għal din l-iskema.

**10/05/04** Is-Sindku espremiet li l-Kunsill irid jara eżatt min ser ikun responsabbli li jiġi jiftaħ l-uffiċċju u kien hemm qbil sabiex nikkonfermaw eżatt meta s-sala tal-kunsill tkun disponibbli.

**10/05/05** Kien hemm qbil sabiex il-Kunsill japplika għal kors ta' l-idejn bħal *crochet* u *knitting.*

**10/05/06** Is-Sindku infurmat li hemm bżonn kbir li jkun hemm sejħa ta' impjieg għal Clerk fuq skala 15 fuq bażi Part Time. Is-Sindku spjegat li x-xogħol amministrattiv qed ikun limitat peress li ma hemmx Segretarju Eżekuttiv fuq bażi Full Time, kif ukoll peress li waħda mill-istaff daqt toħroġ fuq il-leave tal-maternità u jispiċċa persuna waħedha.

**10/05/07** Is-Sa Meli staqsiet jekk kienx hemm kuntatt dwar l-iskema ta' l-istudenti.

**10/05/08** Id-DSE spjegat kif hi kienet bagħtet emejl biex tistaqsi dwar aktar informazzjoni dwar dan. Pero hi ma kienet irċiviet xejn lura.

**10/05/09** Is-Sa Meli talbet lid-DSE tgħaddilha kopja ta' din il-komunikazzjoni sabiex tara ftit dwarha.

**10/05/10** Għalkemm kien hemm qbil dwar li jingħata opportunità lill-istudenti, kien hemm qbil ukoll li għandha tinħareġ sejħa.

**10/05/11** Id-DSE xtaqet tressaq punt addizzjonali dwar il-komunikazzjoni bejn il-Kunsill speċjalment jekk ikun hemm ħsieb li tinżamm xi attività. Kien hemm qbil sabiex jiġi krejat whatsapp group u kulħadd iżomm lil kulħadd aġġornat.

**10/06** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-performance Appraisal Reports**

**10/06/01** Is-Sindku infurmat li hi kienet ippreparat dan ir-rapport fejn kien qed jiġi ssuġġerit li s-Sa Maria Tanti tingħata 10% tal-Performance Bonus.

**10/06/02** Peress li uħud mill-Kunsilliera ma kienux infurmati dwar dan, id-DSE spjegat il-prċedura involuta sabiex jingħata il-performance bonus kemm lis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lill-ħaddiema klerikali.

**10/06/03** Kien hemm qbil unanimu sabiex is-Sa Tanti tingħata l-ammont sħieħ ta' 10%.

**10/06/04** Is-Sindku ressqet għall approvazzjoni tal-membri sabiex jingħata 10% Performance Bonus lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv, pro-rata.

**10/06/05** Kien hemm qbil unanimu sabiex is-Sa Galea tingħata l-ammont sħieħ ta' 10%.

**10/06/06** Id-DSE ressqet fuq il-mejda ir-rapporti tal-ħaddiema klerikali, fejn hi kienet qed tipproponi li dawn jingħataw 6% tal-performance bonus.

**10/06/07** Il-Kunsilliera preżenti approvaw li t-tnejn li huma jingħataw l-ammont sħieħ ta' 6% ta' performance bonus.

## 10.7 GLC/02/2024 – Sejħa għal Servizz ta' Accountant għal Kunsill Lokali tal-Għargħur

**10/07/01** B'referenza għal din is-sejħa d-Deputat Segretarju Eżekuttiv spjegat kif fil-preżent din għaddeja mill-perjodu t'appell sas-17 ta' Jannar 2025. Ġaladarba ma jkunx hemm appell, il-proċess jitkompla billi tintalab approvazzjoni mill-kuntrattur li jkun rebaħ din is-sejħa. Malli jkun hemm konferma mill-kuntrattur, ser tkun qed tiġi msejħa laqgħa ta' introduzzjoni sabiex jiġi nfurmat dwar ir-rapporti finanzjarji pendenti li jeħtieġu li jsiru b'urġenza.

**10/07/02** Is-Sa Meli staqsiet dwar jekk eventlamnet hux ser tissejjaħ il-laqgħa mar-residenti u sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb jaġġorna lid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar dan.

**10/07/03** Id-DSE spjegat li kif ir-rapporti jkunu lesti, ser tiġi msejħa laqgħa b'urġenza sabiex dawn ir-rapporti jiġu approvati mill-Kunsill. Hi spjegat ukoll kif id-Direttur Ġenerali diġa ġie infurmat dwar il-pożizzjoni dal-Kunsill speċjalment minħabba li qed ikun hemm diversi komunikazzjonijiet sabiex il-Kunsill jieħu ħsieb jissottometti id-dokumenti mitluba.

## 10/08 Ġnien fejn *Top of the World*

**10/08/01** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsilliera kif dan l-*item* kien mitlub li jkun inkluż fuq l-aġenda mill-Viċi Sindku, is-Sa Francesca Attard.

**10/08/02** Is-Sa Attard spjegat kif qed ikun isir ħafna vandaliżmu f'dan il-Ġnien u saħansitra qed isiru anke BBQs. Għal din ir-raġuni, hi talbet sabiex il-Kunsill jara jistax iġib fondi sabiex jiġu installati kameras biex din iż-żona tiġi mħarsa.

# KUNSILL LOKALI ĦAL GĦARGĦUR

**Triq San Nikola, Ħal Għargħur GHR 1162**
**Tel : 2141 4111 / 2741 4111 Fax : 2141 2626**
**Email : gharghur.lc@gov.mt Website : www.gharghur.gov.mt**


**10/08/03** Id-DSE infurmat li l-Kunsill jistà japplika għal fondi tal-LESA meta dawn jinħarġu.

**10/08/04** Is-Sa Meli fakret li idealment il-fondi tal-LESA jintużaw sabiex jinxtara vann ta' l-elettriku.

**10/08/05** Is-Sa Attard qalet kif hi għandha d-dubji jekk l-Aġenzija LESA tagħmilx dan il-monitoraġġ kontinwament.

**10/08/06** Is-Sur Fenech fakkar lill-Kunsilliera li għal din iż-żona, il-Kunsill kien għamel *bye law* sabiex ma jinżammux BBQs f'din iż-żona.

**10/08/07** Is-Sindku ikkonfermat dan u qalet ukoll kif dan il-punt tqajjem ukoll fl-aħħar laqgħa li kienet inżammet mal-Pulizija tal-Komunità.

**10/08/08** Kien hemm qbil mill-Kunsilliera preżenti sabiex issir tabella li BBQs ma jistgħux isiru f'din iż-żona.

**10/08/09** Is-Sa Attard fakkret ukoll dwar li l-Kunsill kien qabel li ssir *bye law* dwar it-tindif wara l-ħmieġ tal-klieb.

## 10/09 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

**10/09/01** Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti pendenti / imħallsa li kienet tinkludi l-kontijiet li waslu fl-Uffiċċju tal-Kunsill sad-data ta' meta kienet ġiet ippubblikata l-Agenda.

**10/09/02** Kien hemm qbil unanimu li jiġu approvati l-pagamenti kollha.

## 10/10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**10/10/01** Il-laqgħa spiċċat fis-18:31p.m. wara li l-*items* fuq l-*Agenda* ġew eżawriti u ġie unanimament deċiż li laqgħa oħra ssir nhar il-Ġimgħa 21 ta' Frar 2025 fil-5:30p.m.

| | |
|---|---|
| **Helen Gauci** | **Jeanette Galea** |
| **Sindku** | **Deputat Segretarju Eżekuttiv** |